MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1422/2002/1

**Avviz Numru 1422/02 AJD**

**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Kevin Camenzuli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900.00) rappresentanti import ta' disa' kambjali ta' Lm100.00 il-wahda debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 9.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm26.00, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2002 kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenut fl-20 ta' Settembru 2002.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-22 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**